MANDAT MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi skont l-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta il-President ta' Malta għandu s-setgħa illi jagħti lil xi persuna li jkollha x'taqsam fi, jew li tkun ġiet misjuba ħatja ta' xi reat, maħfra, sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi;

U Billi skont l-ittra tad-19 ta' Jannar 2021 mibgħuta minn Dr Marc Sant għan-nom ta' Vincent Muscat (detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 252562 (M)), l-istess Vincent Muscat offra li jikkopera fl-investigazzjoni dwar l-omiċidju tal-avukat Dr Carmel Chircop u dan senjatament billi jagħti informazzjoni attendibbli, kredibbli u veritjera dwar:

(a) l-istorja kollha mill-bidu sal-aħħar kif magħrufa minnu *di scienza propria* dwar kif ġie kuntrattat, ippjanat u esegwit id-delitt;

(b) l-identità individwali u preċiża tal-mandant jew mandanti tad-delitt;

(c) l-identità individwali u preċiża tal-eżekutur jew eżekuturi tad-delitt;

(d) l-ammont ta' flus li huwa rċieva mingħand il-mandant jew mandanti jew mill-eżekutur jew eżekuturi u l-ammont li huwa tħallas jew żamm għalih;

(e) kif jaf lill-mandant jew mandanti u lill-eżekuturi tad-delitt jew min minnhom;

(f) l-arma jew armi li ntużaw mill-eżekutur jew eżekuturi fit-twettiq tad-delitt kif ukoll x'ġara mill-arma jew armi wara li seħħ id-delitt;

(g) il-karozza li ntużat fit-twettiq tad-delitt, fejn iżżammet qabel id-delitt, fejn ittieħdet wara d-delitt u x'ġara minn din il-karozza wara li ntużat;

(h) ir-rotta li ħadet din il-karozza sabiex titlaq minn fuq ix-xena tad-delitt;

(i) kull dettall ieħor u kull informazzjoni li huwa jaf dwar dan id-delitt inkluż l-involviment ta' kull persuna involuta f'dan id-delitt.

U Billi ġie mfisser lili illi huwa fl-interess pubbliku u spedjenti illi l-imsemmi Vincent Muscat ikun jista' jagħti x-xhieda tiegħu dwar l-informazzjoni fuq imsemmija quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti;

U Billi jiena President ta' Malta ingħatajt parir mingħand il-Kabinett tal-Ministri fit-termini tal-artikoli 85 u 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex nagħti din il-maħfra;

Għalhekk, jiena George Vella, President ta' Malta, b'dana qiegħed nagħti maħfra lill-imsemmi Vincent Muscat li hija soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) Illi din il-maħfra tapplika biss dwar l-omiċidju tal-Avukat Dr Carmel Chircop li seħħ fit-8 ta' Ottubru 2015;

(b) Illi l-imsemmi Vincent Muscat jgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn inqas mis-sewwa kemm meta jiġi interrogat mill-Pulizija kif ukoll kull meta jkun meħtieġ li jixhed f'kull proċedura quddiem kull Qorti kemm jekk ta' ġurisdizzjoni Kriminali, kif ukoll jekk ta' ġurisdizzjoni Ċivili jew Kostituzzjonali, kif ukoll quddiem kull inkjesta, sew jekk tkun inkjesta Maġisterjali, sew jekk tkun inkjesta skont l-Att dwar l-Inkjesti, dwar ir-reat imsemmi fil-paragrafu (a) hawn fuq;

(c) Illi din il-maħfra tapplika biss għal reati u pieni ta' natura kriminali. Il-maħfra għandha tkun irtirata u għandha titqies illi qatt ma ngħatat fil-każ li Vincent Muscat jirrifjuta li jixhed jew jonqos milli jagħti xi depożizzjoni jew stqarrija mitluba minnu jew illi jirriżulta illi f'xi depożizzjoni jew stqarrija tiegħu Vincent Muscat ma jkunx qal is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa jew ma jkunx osserva xi kondizzjoni ta' din il-maħfra.

(d) Illi din il-maħfra hija wkoll suġġetta għall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont li Vincent Muscat irċieva għal dan id-delitt kif ukoll li Vincent Muscat iħallas il-parti spettanti lilu tal-ispejjez tal-esperti inkorsi fl-inkjesta Magisterjali dwar dan il-kaz.

MS

L-imsemmi Vincent Muscat, detentur tal-karta tal-identita` numru 252562(M), hawn taħt iffirmat, jiddikjara li jaqbel mal-kontenut ta' dan il-Mandat u jaċċetta u jintrabat li josserva l-kundizzjonijiet kollha tiegħu.

Firma:
Vincent Muscat
Nru tal-K.I. 252562(M)

Firma (Bħala Xhud tal-firma u l-identita' ta' Vinent Muscat):
Dr Marc Sant
Nru tal-K.I. 363683(M)

Mogħti fil-Palazz ta' Sant' Anton, Ħ'Attard
Illum it-23 jum ta' Frar
tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021)
mill-Eċċellenza Tiegħu
George Vella
President ta' Malta

B'Awtorita'

President